MALTA

# QORTI TAL-APPELLI KRIMINALI (INFERJURI) MALTA

## ONOR. IMHALLEF GALEA DEBONO JOSEPH

Seduta ta' 17 ta' Ottubru, 2002

Appell Kriminali Numru. 4/2002/1

l-Pulizija
(Spettur Abraham Zammit)

Vs

Charles Gauci

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fid-29 ta’ Settembru, 2001 u fix-xhur ta’ qabel din id-data naqas li jaghti l-manteniment lil martu Alexandra Gauci ghan-nom tat-tifla Cressida skond id-digriet Nru. 853/2000 moghti mis-Sekond’Awla tal-Qorti Civili ta’ Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-18 ta’ Dicembru,  2001 li biha wara li rat l-Artikolu 338z tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u wara li kkunsidrat li ma ngabitx prova sufficjenti

illi d-digriet tas-Sekond'Awla tal-20 ta' Gunju, 2000 ghadu in vigore stante illi ma' gietx ipprezentata c-citazzjoni ad hoc li suppost li giet intavolata xahrejn (2) wara dan id-digriet. Ergo, dan id-digriet jista' ma' jkunx in vigore. Illi peress mix-xhieda taghha, l-kwerelanti ddikjarat li f'Gunju 2000 hija hadet l-ammont ta' hames mitt lira Maltin (LM500) appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti u xehdet ukoll illi ilha ma tiehu manteniment mit-2 ta' Settembru, 2001 u cioe' madwar 17-il-gimgha. Il-flus li hadet, appartenenti lil zewgha jissodisfaw id-dritt ta' manteniment tal-kwerelanti fil-minimum sa l-ahhar tas-sena, ghaldaqstant, il-Qorti lliberat lill-imputat.

Rat ir-rikors tal-appellant l-Avukat Generali minnu pprezentat fid-9 ta' Jannar, 2002, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka u thassar l-istess sentenza, ssib htija u tinfliggi l-piena skond il-Ligi.

Rat illi l-aggravji tal-appellant , Avukat Generali, fil-qosor jikkonsistu fis-segwenti w cioe' :- li l-Ewwel Qorti waslet ghal decizjoni zbaljata meta qalet li l-istess Digriet seta' ma kienx in vigore w evidentement illiberat fuq din il-konsiderazzjoni peress li ma ingabet ebda prova li d-Digriet gie segwit bic-citazzjoni . Illi dan imur kontra l-gurisprudenza ta' din il-Qorti li ttrattat dan il-punt fis-sentenza Taghha tat-2 ta' Settembru, 1999 u fejn gie ritenut li ghall-fini tal-Artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali kull digriet jibqa' validu , rrispettivament jekk tkunx giet intavolata citazzjoni jew le . U li rigward il-prezunt hlas , l-ebda pagament ma sar mill-appellant lil martu ai termini tal-istess Digriet u c-citazzjoni tal-Pulizija.

Semghet mill-gdid ix-xiehda w ezaminat id-dokumenti esebiti fil-process ;

Rat il-verbali tas-seduti tas-7, 14 u 21 ta' Marzu, 6 ta' Gunju w 4 ta' Lulju, 2002, li fihom il-Qorti ghamlet kull tentattiv possibbli biex forsi din il-vertenza tigi rizoluta b'mod bonarju w gie registrat illi fis-seduta tal-14 ta' Marzu, 2002 , l-appellat hallas lil-martu seduta stante s-somma ta' LM165 biex skond ma ddikjara d-difensur tieghu , ikopri l-manteniment minnu dovut mill-1 ta'

Jannar, 2002 sad-data ta' dik is-seduta , pero' baqa' jikkontesta l-appell ghall-periodu precedenti . Rrizulta ukoll fis-seduta tal-4 ta' Lulju, 2002 li l-appelat mis-6 ta' Mejju 2002 'l hawn , ma kien hallas xejn . Din il-Qorti - kontra l-prassi taghha - kkoncediet tlitt diffferimenti ohra biex forsi l-kwistjoni tigi komposta imma dan kien ghal xejn , anzi fl-ahhar seduta , dik tal-4 ta' Lulju, 2002, l-appellat lanqas biss indenja ruhu li jidher .

Rat in-Nota tal-Avukat Generali tat-8 ta' Marzu, 2002 li biha esebiet kopji nformi tas-sentenzi li saret riferenza ghalihom waqt it-trattazzjoni tal-kawza li saret fis-7 ta' Marzu, 2002 .

Semghet it-trattazzjoni ulterjuri tal-abbli Prosekutur u tal-abbli difensur fis-seduta tal-4 ta' Lulju, 2002 ;

Ikkonsidrat ;

Illi s-sentenza appellata lliberat lill-appellat fuq zewg konsiderazzjonijiet u cioe' :- 1. li ma ingabitx prova sufficjenti illi d-Digriet tas-Sekond' Awla tal-20 ta' Gunju, 2000 ghadu in vigore stante illi ma gietx prezentata c-citazzjoni ad hoc li suppost li giet intavolata xaharejn (2) wara dan id-Digriet . Ergo dan id-Digriet jista' ma jkunx in vigore ; u 2. li mart l-appellat ddikjarat li hadet LM500 appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti w li l-flus li hadet appartenenti lil zewgha jissodisfaw id-dritt ta' manteniment tal-kwerelanti fil-minimum sal-ahhar tas-sena .

Illi l-Avukat Generali fl-appell tieghu jsostni li l-ewwel raguni moghtija mill-Ewwel Qorti biex illiberat hija bazata fuq enuncjazzjoni zbaljata tal-ligi w in sostenn ta' dan iccita l-gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti diversament preseduta u partikolarment is-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs. Raymond Cutajar " (2.9.1999) fejn jintqal testwalment hekk :-

"L-aggravju hu li l-Prosekuzzjoni ma gabitx prova li d-Digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti

Civili ghadu fis-sehh (jew kien ghadu fis-sehh) fil-periodu li ghalih tirriferi l-ewwel imputaz-

zjoni w dana peress li ma saritx il-prova li l-kawza fil-kontenzjuz ma saritx fiz-zmien utili ta'
xaharejn ."

......"Din il-Qorti wara li rat is-sentenzi (Pol. vs. Lawrence Cutajar - 10.3.1995 u Pul. vs. Carmelo Farrrugia 23.1.98 ) u wara li rat l-argumenti kollha migjuba mill-appellant fir-rikors tieghu hi tal-fehma li ma tistax taqbel mall-appellant . Ordni ghall-hlas ta' manteniment kontenut f'Digriet moghti mis-Sekond' Awla jibqa' validu ghall-fini w effetti kollha tal-art. 338(z) irrispettivament minn jekk ic-citazzjoni quddiem il-Prim' Awla gietx intavolata, kemm il-darba ma jkunx irrizulta li dak id-Digriet gie espressament revokat jew altrimenti mibdul mill-istess Sekond' Awla u salv il-prova tar-rikonciljazzjoni jew ta' dikjarazzjoni ta' Qorti ohra kompetenti li dak id-Digriet jew dak l-ordni kien null . "

"Ghall-finijiet tal-imsemmi art. 338(z) hu bizzejjed li l-Prosekuzzjoni tipprova :-

1. li nghata ordni minn Qorti ghall-hlas ta' manteniment (billi ggib kopja legali tad-Digriet bhal ma sar f'dan il-kaz , jew kieku si tratta ta' ordni kontenut f'sentenza , kopja legali tas- sentenza relattiva.)

2. li dak il-manteniment ma thallasx fi zmien hmistax (15) il-jum minn dak il-jum li fih skond l-ordni , kellha tithallas is-somma ."

Ikun jispetta umbaghad lill-akkuzat li jipprova , jekk irid, u fuq bazi ta' probabbilita' li dak l-ordni kien gie revokat jew mibdul jew dikjarat null mill-Qorti kompetenti jew li kienet saret rikonciljazzjoni . "

Din il-Qorti taghmel ukoll riferenza ghas-sentenza Taghha diversament preseduta fil-kawza "Il-Pulizija vs. Mario Mallia" (8.5.1998) fejn ukoll gie ritenut :-

"....ghal finijiet ta' kawza penali meta l-imputazzjoni tipotizza r-reat kontravenzjonali fil-paragrafu (z) tal-Artikolu 338 tal-Kap.9 , hu rrilevanti meta giet intavolata l-kawza ta' separazzjoni jew jekk intalbitx o meno proroga tad-digriet originali ; galadarba l-ordni

kontenut f’ dak id-Digriet ma kienx gie espressament revokat jew altrimenti mibdul
mill-istess Sekond’ Awla jew mill-Prim’ Awla ( u salv il-prova ta’ rikonciljazzjoni jew ta’
dikjarazzjoni ta’ Qorti ohra kompetenti li dak id-digriet jew dak l-ordni kien null) l-ordni
ghall-hlas tal-manteniment jibqa’ validu ghall-finijiet u effetti kollha tal-artikolu 338(z) tal-
Kodici Kriminali -- ara f’dan is-sens “Il-Pulizija vs. Lawrence Cilia (App. Krim. 10/3/95 ,
u l-Pulizija v. Carmelo Farrugia, App. Krim. 23.1.1998. Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi respint.”

Fid-dawl ta’ din il-gurisprudenza kostanti li maghha taqbel din il-Qorti kif preseduta , jidher li l-aggravju tal-Avukat Generali jidher li hu fondat u qed jigi milqugh u dana ghalkemm id-Digriet in kwistjoni , li kopja vera fotostatika tieghu tinsab esebita a fol.7 tal-process inghata fl-20 ta’ Gunju, 2000 u l-periodu tal-inadempjenza tal-akkuzat indikat fic-citazzjoni jirrigwarda d-29 ta‘ Settembru, 2001 u fix-xhur ta‘ qabel din id-data, stante li ma ingabet ebda prova mill-appellat - anki fuq bazi ta‘ probabbilita‘ - li dan id-digriet ma kienx ghadu in vigore jew li kien gie revokat jew mibdul.

Pero’ s-sentenza appellata ma bbazatx il-konsiderazzjonijiet taghha ghall-liberazzjoni tal-appellat fuq il-konsiderazzjoni appena trattata biss imma sostniet li effettivament , bil-fatt li l-mara tal-appellat f’Gunju, 2000, kienet hadet somma ta’ Lm500 mill-komunjoni tal-akkwisti , allura kienet sodisfatta l-pretensjoni taghha ghall-hlas ta’ manteniment .

Illi anki din il-konsiderazzjoni ta’ l-ewwel Qorti tinvolvi enuncjazzjoni tal-ligi u cioe’ jekk dik li parti fiz-zwieg tkun ipprelevat mill-assi tal-komunjoni tal-akkwisti , meta z-zwieg ikun qed jitkisser , ghandhiex tittiehed bhala pagament akkont u tigi pacuta ma xi dritt ta’ manteniment li jemani minn ordni ta’ Qorti .

Illi fil-fehma ta’ din il-Qorti, anki hawn l-Ewwel Qorti ma kienetx korretta meta qieset l-allegat prelevament bhala

speci ta' kompensazzjoni gjuddizzjali li tannjenta imputazzjoni taht l-art. 338 (z) tal-Kap.9. Tali prelevament , anki jekk jirrizulta, ma jistax jitqies li jkun sar in sodisfazzjon in anticipu ta' xi dritt attwali jew eventwali ta' manteniment , fl-assenza ta' xi ftehim jew transazzjoni (li trid issir bil-miktub ad validitatem ) bejn il-konjugi . F'kazijiet ta' separazzjoni ta' spiss jigri li l-assi tal-komunjoni jew parti minnhom jigu ppossessati miz-zewg konjugi jew minn wiehed minnhom u jibqghu hekk fil-pussess taghhom tul il-pendenza tal-proceduri ghas-separazzjoni jew sakemm isir kuntratt ta' separazzjoni bejn il-partijiet. Dan l-istat ta' fatt pero' ma johloqx xi trasferiment ta' proprjeta' jew xi divizjoni w assenjazzjoni tal-assi tal-komunjoni bejn il-konjugi f'dak l-istadju . Tali likwidazzjoni, divizjoni w assenjazzjoni tal-assi tal-komunjoni bejn il-konjugi ssir biss jew b'sentenza definittiva tal-Qrati jew b'kuntratt ta' separazzjoni bonarja . Sakemm dan isir , ikunu jezistu krediti tal-komunjoni tal-akkwisti kontra l-konjugi rispettivi ghall-dawk l-assi tal-komunjoni li jkunu jinsabu ghand wiehed jew l-ohra . Dawn jigi likwidati finalment kif fuq intqal , u jigu umbaghad divizi w assenjati lil konjugi rispettivi .

Ghalhekk dak li jkollu fil-pussess tieghu wiehed mill-konjugi fil-mori tas-separazzjoni ma jista' qatt jitqies li jkun hadu bi hlas ta' manteniment li ghalih ikun intitolat w allura pacut addirittura bil-quddiem ma hlasijiet ta' alimenti li jkunu ser isiru dovuti , kif jidher li rriteniet l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata , u b'hekk tirrendi lil-parti inadempjenti mhux passibbli ghall-proceduri penali taht l-art.338 (z) ,salv f'xi kazijiet partikolari , ghal xi konsiderazzjoni dwar il-piena .

Umbaghad , dan l-argument hu aktar kogenti w impellenti fejn il-hlas li ghalih ikun ikkundannat l-imputat b'ordni ta' Qorti ma jkunx - bhal fil-kaz in ezami - dovut ghall-manteniment tal-konjugi l-ohra imma ghall-manteniment tat-tfal minuri , biex dawn ikunu jistghu jghixu w dana bhala s-sehem li l-imputat ikun irid jikkontribwixxi ghall-ghixien t'uliedu . Zgur li l-akkuzat ma jistax ipaci dak li jkun ippreleva provizorjament l-konjugi l-iehor mill-

komunjoni tal-akkwisti ma dak li hu jkun obbligat li jikkontribwixxi biex uliedu jghixu .

Ghalhekk anki fuq din il-bazi s-sentenza appellata kienet mibnija fuq enuncjazzjoni zbaljata tal-ligi u ergo appellabbli mill-Avukat Generali taht l-art. 413 (1)(b) (iv) (i) tal-Kodici Kriminali .

Illi umbaghad dwar il-fatti tal-kaz, id-Digriet tas-Sekond' Awla fuq imsemmi kien ordna lill-appellat li jhallas lill-martu Alexandra Gauci hmistax il-lira Maltin (LM15) ghal-binthom minuri Cressida u oltre dan l-ispejjez kollha tal-edukazzjoni tal-minuri (kotba, uniformijiet , mizati tal-iskola u tat-trasport, ecc.)kellhom jigu imhallsa mill-partijiet indaqs bejnithom . Illi ma hux kontestat bhala fatt li l-akkuzat ma hallasx l-alimenti dovuti ghall-bintu minuri ghall-periodu imsemmi fic-citazzjoni sa zmien hmistax il-jum wara li dawn kienu dovuti . Ghalhekk il-kontravvenzjoni li biha hu akkuzat l-appellat tirrizulta ampjament pruvata .

Illi dwar il-piena , din il-Qorti tosserva li nonostante r-rakkomandazzjonijiet Taghha ripetuti li saru biex l-appellat jigi in regola fil-kors tad-diversi differimenti , li inghataw biss bl-iskop u bl-isperanza li l-appellat jaghmel dan , qabel ma l-Qorti ikollha taghti s-sentenza , ma servew ghal xejn u l-appellat , ghalkemm ghamel xi pagamenti ghall-periodu bejn Jannar u l-bidu ta' Mejju, 2002 , baqa' jirrifjuta li jeffettwa l-hlas ghal-periodu msemmi fic-citazzjoni . Rinfaccata b'dan ir-rifjut persistenti li joqghod ghall-ordni ta' Qorti ohra kontemplat fil-kontravvenzjoni li taghha l-appellat qed jinstab hati, din il-Qorti m'ghandix alternattiva hlief li tirrikorri ghall-piena restrittiva tal-liberta' .

Ghal dawn il-motivi , din il-Qorti qed tilqa' l-appell tal-Avukat Generali , tirrevoka s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-18 ta' Dicembru, 2001 fl-ismijiet "Il-Pulizija vs. Charles Gauci" u minnflok issib lill-appellat hati tal-akkuza talli fid-29 ta' Settembru, 2001 u fix-xhur ta' qabel din id-data naqas li jaghti manteniment lil martu Alexandra Gauci ghan-nom tat-tifla Cressida skond Digriet

moghti mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili ta' Malta , fl-20 ta' Gunju, 2000 u , wara li rat l-art. 338 (z) , 7 (2) (a) u 12 tal-Kap.9 , tikkundanna lill-appellat Charles Gauci ghall-hmistax il-jum detenzjoni .

(ft) Joseph G. Galea Debono
Imhallef

Paul Miruzzi
Assistant Registratur

17.10.2002